MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2013

Numru. 678/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Geoffrey Azzopardi)**
**(Spettur Sarah Magri)**

**Vs**

**Donna Sciberras ta' 18 il-sena, bint Francis Sciberras u Josette nee Pisani, imwieled Pieta fil-11 ta' Awissu 1994, residenti f'indireizz mhux maghruf u detentrici ta' karta tal-identita bin-numru 358094M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputata li giet akkuzata talli fit-13 ta' Mejju, 2013, ghall-habta ta' 11:50 a.m. fil-Hamrun, irrrendiet ruhha komplici f'serq ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAE515 ta' l-ghamla Hyundai, billi xjentement ghanet jew assistiet lill-awtur tad-delitt fl-

atti li bihom id-delitt ikun gie ippreparat jew ikkunsmat jew b'xi mod sahhet il-volonta` sabiex isehh id-delitt u dan sar ghad-dannu ta' Omar Abdel-Aal mill-Marsa u/jew persuni ohra.

Akkuzata wkoll talli fit-13 ta' Mejju, 2013 ghall-habta ta' nofsinhar fil-Marsa u/jew bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer bil-hsieb li taghmel delitt u cioe serq aggravat bil-valur u bil-mezz uriet dan il-hsieb b'atti esterni u tat bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma gex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta taghha;

U giet akkuzata wkoll talli nhar is-17 ta' Lulju 2013 ghall-habta tad-9.30 a.m. gewwa il-Marsa irrendiet ruhha komplici f'serq ta' handbag kontinenti flus kontanti u xi effetti personali ohra, billi xjentement ghanet jew assistiet lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ippreparat jew ikkunsmat jew b'xi mod sahhet il-volonta' sabiex isehh id-delitt u dan sar ghad-dannu ta' Doreen Spiteri mill-Marsa u/jew persuni ohra;

Giet akkuzata ukoll talli irrendiet ruhha ricediva b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati/Appell Kriminali, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputata liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputata inghatat zmien xieraq sabiex tirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputata l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputata, il-fatt illi l-imputat ikkoperat mal-pulizija u ser tghin fl-investigazzjonijiet taghhom, izda fuq kollox ix-xhieda ta’ Jean Paul Mifsud YMCA minn fejn jirrizulata illil –impuata kellha trobbija difficli u ghandha problema tal-vizzju tad-droga li ghandha tigi indirizzata minnufih.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 42(d), 261(b)(c), 263, 267, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issibha hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tqieghed lill-hatja taht Ordni ta’ Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, b’dan illi l-hatja ghandha issegwi programm ta’ rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga u li tiehu l-kura kollha li ghandha bzonn filwaqt li tkun residenti fic-centru tal-YMCA.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------